NEWSPAPER POST
ISSN 123456689

# IL-BELT VICTORIA

PUBBLIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ | GĦAWDEX

SETTEMBRU-DIĊEMBRU 2022

NRU 207



## IL-KELMA SARET LAĦAM

Xena ħelwa mill-għeluq tan-Novena tal-Milied 2022 li ffukat fuq it-tema tal-Pjan Pastorali Djoċesan dwar il-Kelma ta' Alla.

ritratt: Sam Cefai

EDITORJAL

# MHUX MILIED BĦAL OĦRAJN!

Fost il-ħafna messaġġi tal-Milied li smajna, ġie għal widnejna l-Messaġġ tal-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma. Fl-introduzzjoni hu esprima d-diqa tiegħu għad-diskors, li issa qed jagħfas fuq l-aġenda tan-Nazzjon, dwar l-introduzzjoni tal-abort f'pajjiżna.

Forsi mhux ironiku li fil-festi tal-Milied, meta niċċelebraw it-twelid ta' tarbija, qed niddiskutu dwar il-'vjabbiltà' ta' ħajja? Mhux ironiku li filwaqt li qed niċċelebraw it-twelid, minflok benniena nlestu 'ċimiterju'? Il-vjabbiltà ta' persuna qed tiġi diskussa skont kriterji li jagħmluhom il-persuni, u mhux il-kriterji tal-Vanġelu. Il-valur tal-ħajja, il-kompassjoni u s-sagrifiċċju, li kull Nisrani jgħożż, għandu jiżboq kull kriterju ieħor.

Dan id-diskors, speċjalment fi żmien il-Milied, iwassal għal raġunament aktar wiesa'. X'aħna niċċelebraw eżattament? It-twelid ta' tarbija li bħala Nsara nemmnu li hu s-Salvatur tagħna, imwieled biex jifdina, jew sempliċi okkażjoni oħra ta' ċelebrazzjoni mingħajr sens veru?

Jalla l-innoċenza u l-ferħ li naraw fit-tfal tul dan iż-żmien isaħħar lilna lkoll biex (inkomplu) ngħixu l-Milied fi spirtu veru.

Jalla f'kull deċiżjoni li tittieħed, dejjem nimxu skont it-tagħlim tal-Knisja Kattolika, li jagħti vuċi lil dawk li huma bla vuċi, imma fuq kollox skont il-valuri tal-ħajja li jagħmluna tassew bnedmin, f'rispett lejn id-dinjità ta' kull ħlejqa.

**Għal min jixtieq, kull ħarġa dejjem tkun disponibbli**
**f'verżjoni diġitali fuq www.stgeorge.org.mt jew www.facebook.com/stgeorge.org.mt**



INFORMAZZJONI

IL-BELT VICTORIA hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI

Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
*Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-Bord Editorjali*

FOTOGRAFIJA

Joe Attard, Andrea Camilleri, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Joseph J.P. Zammit

KUNTATT

Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex
www.stgeorge.org.mt | Leħen il-Belt Victoria, 104FM




# ID-DAR TA' ALLA

L-Arċipriet Joseph Curmi

Minn wara l-pandemija reġgħu qabdu r-ritmu eluf ta' turisti li jiġu jżuru l-Bażilika maestuża tagħna u jibqgħu mistagħġba bis-sbuħija tagħha. Filwaqt li dan hu ta' unur għalina, għandna dmir sagrosant li nagħrfu u ngħinuhom jagħrfu li din hi qabelxejn u fuq kollox id-dar ta' Alla.

**Il-post riservat**

Filwaqt li hu veru li Alla jinsab kullimkien, għall-bniedem hu ferm importanti li jirriserva spazji differenti għal għanijiet differenti. Fil-fatt, anki l-mod kif ngħixu aħna juri dan. Kull familja għandha post riservat għaliha li jidħol fih biss min għandu l-permess tal-familja. U anki fl-istess dar hemm kmamar differenti għal skopijiet differenti. Għall-bniedem hu importanti jaqta' linja għax din tordnalu moħħu u qalbu. Hu għalhekk li dejjem ħass il-bżonn li jirriserva spazji li fihom qalbu tintrefa' lejn Alla għaliex riservati għaliH. Dan għaliex dak li jiġri fil-knisja mhux teatrin jew xi sfilata folkloristika. Il-liturġija u l-oġġetti marbutin magħha mhumiex kostumi tal-palk jew rappreżentazzjonijiet. Fil-fatt kemm l-ispazju u l-ħitan tal-knisja u kemm l-oġġetti kollha u l-persuni fil-knisja huma meqjusa bħala sagri, jiġifieri riservati biss għall-kult.

**Rispett lejn id-dar ta' Alla**

Il-bniedem juża diversi modi biex juri li dak hu spazju differenti u riservat. Fost l-oħrajn hemm il-mod kif iżejjen il-post, il-mod kif jitkellem u jġib ruħu, il-mod tal-ilbies u tant affarijiet oħra. Meta wieħed ma joqgħodx għal dawn ir-regoli jkun meqjus li mhux juri rispett. Eżempju tipiku hu l-ilbies fil-qorti. Jekk wieħed ma jilbisx kif tesiġi l-qorti jkun ħati ta' disprezz tal-qorti. Iżda dan japplika wkoll għal ħafna sitwazzjonijiet oħra. Ngħidu aħna, il-miżżewġin f'ħafna kulturi jilbsu ċ-ċurkett mhux biss għax sabiħ iżda wkoll bħala messaġġ li huma meħudin u jappartienu lil xi ħadd ieħor. Eżempji bħal dawn insibu f'kull livell tas-soċjetà. Ir-rispett lejn id-dar ta' Alla jitlob ukoll ċerti atteġġjamenti li jagħmlulna l-ġid li nosservawhom. Fost l-oħrajn l-ilbies diċenti. Dan għandu jkun prijorità għax juri minn barra r-rispett li hemm fil-qalb. Il-kumdità u l-opinjoni personali m'għandhomx ikunu l-uniċi kriterji tal-għażla tal-ilbies. U dan, sew fil-festi u sew kuljum. L-istorbju, il-paroli, mobiles idoqqu u jitwieġbu, huma wkoll kollha sinjali ta' nuqqas ta' rispett li juri familjarità żejda jekk mhux ukoll nuqqas ta' fidi. Filwaqt li r-rispett esterjuri mhux kollox, iżda dan jipprepara l-qalb għal dak li se tiċċelebra u tirċievi.

**Nesiġu rispett minna nfusna u mill-barrani**

Għalhekk għandna nagħmlu minn kollox biex nesiġu rispett l-ewwel nett minna nfusna. Hu veru li l-Mulej mhu se jiskrupla minn xejn, iżda fl-istess ħin għandi nkun responsabbli li ma nkunx okkażjoni ta' distrazzjoni għalija u għall-oħrajn. Irridu nesiġu flimkien li l-knisja tkun spazju ta' kalma u talb. Irridu nesiġu li s-sagramenti jingħaxu bid-dinjità li jisthoqqilhom. Irridu nesiġu li l-knisja ma ssirx teatru. Anki fit-teatru hemm il-kodiċi ta' mġiba, u allaħares xi ħadd jisgħol. Allura d-dar ta' Alla mhix aħjar?

Fl-aħħar xhur qed nassistu għal turisti li jippretendu li jidħlu jżuru l-knisja anki saħansitra bil-malja. Il-voluntiera tagħna qed ikollhom jesiġu sa fejn hu possibbli li l-knisja tiġi rispettata. Nixtieq li napprezzaw ix-xogħol u s-sagrifiċċju li qed jagħmlu biex il-Bażilika tinżamm miftuħa anki waranofsinhar b'mod volontarju. Iżda biex nitolbu dan mill-barrani, hemm bżonn li nkunu aħna l-ewwel li nemmnu f'dak li qed nesiġu mill-oħrajn. Id-dar ta' Alla mhix estensjoni tal-pjazza, iżda hi oasi ta' spiritwalità u laqgħa ma' Alla anki permezz tal-arti.

**Parroċċa ħajja**

Hu għalhekk li għandna nkomplu naħdmu biex il-Parroċċa biex tkun waħda ħajja. Hu għalhekk li kull sena naħdmu biex ikollna gruppi ta' formazzjoni u tagħlim li jiltaqgħu ta' sikwit. Hu għalhekk li flimkien mal-inizjattivi ta' proġetti ġodda u restawr nimpenjaw ruħna fuq l-edukazzjoni tal-fidi u l-qari tal-Kelma ta' Alla. Jalla nikbru iktar fl-għarfien ta' kemm għandna xorti kbira li l-Mulej nistgħu niltaqgħu miegħu f'dar tant sabiħa u maestuża. Jalla nkomplu ngħożżu din id-dar bħala Dar ta' Alla u Bieb tas-Sema.



KRONAKA



Settembru – Diċembru 2022

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI



1



3



2



4



5



6

1. F'Settembru l-Parroċċa, permezz tal-iSchola Cantorum tagħha, organizzat kors qasir ta' introduzzjoni għall-kant Gregorjan, li tmexxa minn Dun Joseph Mercieca. Grupp ċkejken ta' kantanti jagħtu servizz kontinwu fil-Bażilika waqt il-liturġiji tal-festi l-kbar tas-sena liturġika li jkunu animati b'kant Gregorjan.

2. Issa li s-Santissmu Kurċifiss sab postu b'mod permanenti mal-ħajt tal-Kappellun ta' San Pawl, fl-14 ta' Settembru ġiet iċċelebrata b'mod solenni f'din il-kappella l-Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.

3. Fit-22 ta' Settembru, l-Arċipriet, flimkien ma' rappreżentanti tal-Kurja u ta' parroċċi oħra li qed igawdu minn fondi simili, iffirma l-ftehim mal-Ministeru għal Għawdex għal finanzjament tas-sistema ġdida ta' illuminazzjoni għall-faċċata tal-Bażilika.

4. Fil-bidu ta' sena pastorali oħra, fil-25 ta' Settembru l-Arċipriet ta l-Mandat tal-Katekeżi lill-katekisti tal-Parroċċa, li jwasslu t-tagħlim Nisrani kemm fl-istess binja tagħha u kemm fiċ-ċentri tad-duttrina fil-Belt Victoria.

5. Minħabba li l-attività kummerċjali bi ftit li xejn kontroll fi Pjazza San Ġorġ qed tirrestrinġi wisq l-aċċess pedonali fl-istess pjazza u d-dħul għall-Bażilika, lejn tmiem Settembru kellha titqiegħed sistema ta' bollards bil-ktajjen biex tipproteġi l-ġnub tat-taraġ u tal-istess faċċata tal-Bażilika.

6. Fil-bidu ta' Ottubru bosta gruppi tal-Parroċċa reġgħu bdew bil-laqgħat regolari tagħhom wara l-waqfa tas-Sajf. Fis-7 ta' Ottubru nżammet Ċelebrazzjoni tal-ftuħ tas-Sena Pastorali għall-Gruppi kollha 23four.

7. Anki l-purċissjonijiet fuq barra reġgħu ħadu n-nifs wara r-restrizzjonijiet tal-Covid; waħda minn dawn kienet dik tal-Madonna ta' Fatima fit-8 ta' Ottubru.

8. B'rabta mat-tema tal-Pjan Pastorali Djoċesan b'enfasi fuq il-Kelma ta' Alla, il-Ħadd 9 ta' Ottubru l-ambone ġie mżejjen bil-ward biex issir iktar enfasi fuq dan il-post liturġiku mnejn tixxandar il-Kelma waqt il-quddiesa.

9. L-Isqof stieden lill-kleru tal-Parroċċa ta' San Ġorġ għal ikla fir-residenza tiegħu ta' Dar Nazaret fil-Belt Victoria, is-Sibt 29 ta' Ottubru.

10. F'inizjattiva biparrokkjali mlaqqma *"Joining hands for Guatemala"*, fl-aħħar weekend ta' Ottubru l-gruppi taż-żgħażagħ u l-adolexxenti tal-Parroċċi ta' San Ġorġ u tal-Katidral ingħaqdu flimkien u organizzaw ħdejn iż-żewġ knejjes parrokkjali Bake Sale li d-dħul minnu mar għall-grupp taż-żgħażagħ ta' Los Amates fil-Gwatemala, fejn hemm kappillan Dun Mario Curmi.

11. Għall-Mixegħla tal-Qaddisin Kollha fit-30 ta' Ottubru, quddiem il-Bażilika nxtegħel bix-xemgħa simbolu tal-martri, li juri kuruna u żewġ palmiet li minn nofshom toħroġ il-Kristogramma "Chi Rho", magħrufa aktar bħala l-'Pax'.

12. F'Novembru l-komunità parrokkjali talbet għall-erwieħ tal-mejtin tagħha, b'mod speċjali bi żjara u quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, fil-5 tax-xahar filgħaxija.

13. Il-Festa ta' Santa Ċeċilja, Patruna tal-mużiċisti, organizzata bħal kull sena mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, din id-darba nżammet fil-Belt Victoria b'quddiesa fil-Bażilika ta' San Ġorġ fl-24 ta' Novembru, segwita minn marċ lejn Triq ir-Repubblika mill-Banda Ċittadina La Stella.

14. Komplew f'din is-sena pastorali l-laqgħat għall-ġenituri tat-tfal tal-Preċett u l-Griżma, fosthom dik li mexxa Dun Krystof Buttigieg, Delegat tal-Isqof għall-Katekeżi u l-Familja, fis-Sala tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, fl-1 ta' Diċembru.

15. *"Iltaqa' mal-artisti"* kienet attività li fiha l-komunità parrokkjali fit-tieni Ħadd ta' Diċembru ġiet mistiedna ssegwi mill-qrib ix-xogħol fil-mużajk li qed jagħmlu ż-żewġ artisti Rumeni Alex u Anca Costenco fil-Kappella Neo-Biżantina tas-Santissmu Sagrament, u li jinsab fi stadju avvanzat. Barra d-dimostrazzjonijiet li taw, kull min xtaq seta' hu stess iwaħħal tessera fil-mużajk tal-kappella.

16. Tul l-Avvent il-gruppi parrokkjali kellhom bosta mumenti ta' talb, kif kienet l-adorazzjoni Ewkaristika organizzata mill-Grupp Oikos tal-koppji miżżewġa fil-Knisja parrokkjali tal-Għasri fit-14 ta' Diċembru.

17. In-Novena tal-Milied, bis-sehem ta' ħafna familji u tfal, waslet fi tmiemha bħas-soltu b'rappreżentazzjoni drammatika ċkejkna tat-Twelid ta' Kristu, madwar il-maxtura tal-injam li nbniet biċċa biċċa tul in-Novena, b'siltiet mill-Kelma ta' Alla miktubin fuqha. It-tema, fid-dawl tal-Pjan Pastorali, fil-fatt kienet: "Il-Kelma ta' Alla saret laħam".





8



9



10



12



14



15



11



13



16

# IL-KATTOLIĊI U L-POLITIKA (1)



ATTWALITÀ

Joseph W. Psaila

**Introduzzjoni**

San Thomas More, li l-Knisja pproklamatu Patrun tal-politiċi kollha, u għaldaqstant tal-mexxejja fil-Gvern u fl-Oppożizzjoni, kien lest li jagħti xhieda sal-martirju tad-"dinjità inaljenabbli tal-kuxjenza". Hekk tgħid fl-ewwel paragrafu n-*Nota Duttrinali dwar xi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-impenn u l-imġiba tal-Kattoliċi fil-ħajja politika*[1] ([ND], Novembru 2002). U tkompli fis-sentenza ta' wara li "l-bniedem ma jistax jissepara lilu nnifsu minn Alla, lanqas il-politika mill-morali".



Pittura ta' Manuel Farrugia li turi lil San Tumas More u li tinsab fil-binja tal-Parlament Malti.

Fit-tielet paragrafu, imbagħad, in-ND tikkwalifika b'aġġettiv "Il-kuxjenza". Fil-ħidma ċivili tagħhom il-lajċi janimaw Kristjanament l-ordni temporali, "iggwidati mill-kuxjenza Kristjana tagħhom", u jkunu hekk ħmira evanġelika fis-soċjetà. Tidwi b'mod naturali l-mistoqsija: Kif trid tkun imrawma u edukata l-kuxjenza sabiex fil-ġudizzji tagħha tkun retta, vera u ċerta? Il-kuxjenza tkun ifformata mit-tagħlim u bil-prattika tal-virtujiet fil-ħajja ta' kuljum.

**Is-soċjetà tal-Punent: Xi karatteristiċi**

Il-kultura tal-Punent, li fir-rigward ta' Malta u Għawdex m'għadhomx jgħoddu għaliha la l-insularità u lanqas l-insularità doppja, ippropagat b'veloċità aċċellerata seba' dnubiet kbar: l-għana mingħajr xogħol, l-edukazzjoni mingħajr morali, in-negozju mingħajr etika, il-pjaċir mingħajr kuxjenza, il-politika mingħajr prinċipji, ix-xjenza mingħajr responsabbiltà, u s-soċjetà mingħajr familja. Ma' dawn kien hemm min żied dnub ieħor: il-fidi mingħajr sagrifiċċju.[2] U għal pajjiżna, ċkejkuni ċkejkuni, jista' jiżdied ieħor ukoll: l-ambjent mingħajr il-ħolqien. Barra minn hekk, is-soċjetà f'pajjiżna saret waħda multikulturali u multireliġjuża.

F'din il-kumplessità soċjali, iċ-ċittadin Kattoliku jeħtieġlu jfittex biex isib ir-relazzjoni xierqa bejn il-fidi Kristjana tiegħu u l-ħajja politika.

Fil-ħafna kliem li jxandru l-politiċi, wisq drabi jidher in-nuqqas ta' għarfien profond ta' x'inhu l-bniedem u x'inhi d-demokrazija, in-nuqqas ta' riferiment għal Alla fir-raġunar tagħhom – għajr f'xi ħalfa ċerimonjali –, u kif sejrin jirbħu l-vot aktar bis-simpatija milli bil-forza tal-argument. U ċ-ċittadin Kattoliku, u wisq aktar il-politiku Kattoliku, jista' f'dan il-baħar isib ruħu bħal ħuta barra mill-ilma u jitlef il-kuraġġ. Madankollu boxxla u mqadef għandu l-Kattoliku fil-politika: il-boxxla hi l-Vanġelu; l-imqadef it-tagħlim soċjali tal-Knisja.

**Stqarrija straordinarja**

Il-Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum, *Gaudium et spes*,[3] tal-Konċilju Vatikan II, hija straordinarja daqskemm hi ċara u awtorevoli: "Il-Konċilju jħeġġeġ lill-Kristjani, ċittadini ta' din il-belt u ta' dik l-oħra biex, waqt li jħallu lilhom infushom ikunu ggwidati mill-ispirtu tal-Vanġelu, jimpenjaw ruħhom ħalli jwettqu d-dmirijiet proprji tagħhom fuq din l-art. Jiżbaljaw dawk li, għax jafu li hawnhekk m'għandhomx ċittadinanza stabbli imma qegħdin ifittxu dik tal-ġejjieni, jaħsbu li jistgħu jittraskuraw id-dmirijiet terreni tagħhom u ma jirriflettux li hi l-istess fidi li tobbligahom biex aktar u aktar jimpenjaw ruħhom, kulħadd skont il-vokazzjoni tiegħu.

Huma daqstant ieħor fl-iżball dawk li jaħsbu li jistgħu tant jintilfu fl-attività terrena bħallikieku din hi kompletament estranja għall-ħajja reliġjuża, li skont huma tikkonsisti esklussivament fl-atti tal-kult u ta' xi dmirijiet morali. Il-firda, li tidher f'ħafna, bejn il-fidi li huma jistqarru u l-ħajja tagħhom ta' kuljum, għandha titqies fost l-aktar żbalji gravi ta' żminijietna" (43).

Il-Papa Franġisku jfakkarna li l-politika hija "vokazzjoni għolja u waħda mill-forom l-aktar siewja tal-karità, għaliex tfittex il-ġid komuni"[4] (*Evangelii gaudium* [EG], 205). "Il-Kristjani kollha, ukoll ir-Ragħajja, huma msejħin biex jimpenjaw ruħhom għall-bini ta' dinja aħjar (…) għaliex il-ħsieb soċjali tal-Knisja huwa, qabel kollox, pożittiv u propożittiv" (EG, 183).

**Separazzjoni bejn l-Istat u l-Knisja**

Is-separazzjoni bejn l-Istat u l-Knisja hi bidla radikali li nieda l-Konċilju Vatikan II fid-*Dignitatis humanæ*. Ladarba d-dinjità tal-persuna hi sagra, il-libertà tat-twemmin hi dritt inaljenabbli għal kull bniedem. Mhux ir-reliġjonijiet imma l-persuni għandhom drittijiet. Il-verità ma tistax tkun forzata fuq iċ-ċittadini mill-awtorità, imma kull persuna għandha d-dritt u d-dmir li tfittixha u li taġixxi skont il-kuxjenza.

Għaldaqstant l-Istat li jirrispetta lil kull membru fis-soċjetà u liċ-ċittadini kollha tiegħu għandu jħares il-libertà

tat-twemmin, kien liema kien, u ma jippretendix li hu kompetenti li jindaħal u jitkellem fuq veritajiet teoloġiċi.

**Id-Demokrazija: Ġid komuni**

Il-Kattoliku għandu jqis "id-demokrazija" bħala ġid komuni, u għaliex l-għan tagħha huwa l-bniedem bid-dinjità tiegħu u bil-libertà tiegħu personali u soċjali, id-demokrazija għandha dimensjoni spiritwali biex tkun imħarsa u msaħħa. Għemil il-Kattoliku għandu jservi ta' katalist biex dan iseħħ.

Fid-Dekalogu għall-Kristjani fil-politika, il-Kardinal Carlo Maria Martini jiġbed l-attenzjoni lill-Kristjani biex iqisu l-metodi tal-politika qabel il-kontenuti mmarkati b'valur etiku, għaliex dawn il-valuri jkunu f'riskju mill-metodu ġenerali ta' kif tkun issir il-politika.[5]

Dan ifisser li, biex jitħarsu l-kontenuti u l-valuri etiċi tal-politika, jeħtieġ li qabel kollox il-Kristjani jibqgħu leali lejn il-metodu demokratiku. Il-Kristjani qatt ma jistgħu jagħtu appoġġ lil programm politiku, tajjeb fih innifsu, imma mqiegħed fil-prattika minn reġim awtoritarju jew dittatorjali.[6] Tabilħaqq li mhux dejjem wieħed jista' jaqta' iswed mill-abjad jekk il-mod ta' governanza hux demokratiku jew le. Imma d-Dekalogu jsostni li min jiggverna ma jista' qatt iwarrab il-kunċett li l-konfront u d-dibattitu huma karatteristiċi essenzjali tal-metodu demokratiku, u dawn ma jistgħux ikunu ssagrifikati quddiem xi deċiżjoni ta' malajr, ejja ħa mmorru, iva jew le, inkella quddiem xi kariżma ta' xi mexxej politiku.

Minkejja n-nuqqasijiet kollha tagħha, id-demokrazija hi l-aħjar kuntest, fost is-sistemi kollha, fejn iċ-ċittadini jistgħu jagħtu sehemhom fil-ħajja politika. Filwaqt li l-Knisja tagħraf id-demokrazija bħala ġid komuni, daqstant ieħor tippreżumi li l-parteċipazzjoni demokratika sseħħ fl-għarfien rett tad-dinjità tal-persuna umana. U għal dan il-prinċipju mhumiex possibbli kompromessi.

**Il-pluraliżmu u r-rwol tal-kuxjenza**

Qegħdin ngħixu fi żmien meta l-pluraliżmu ħa s-sopravvent fuq kollox. L-istess demokrazija ma tistax isseħħ 'il barra minn sitwazzjoni ta' pluraliżmu. Iċ-ċittadini jsostnu d-dritt tal-għażla awtonoma fuq kollox, saħansitra fuq kwisjonijiet morali. U l-leġislatur jagħraf dan fit-teorija u wisq drabi jwettqu fil-prattika, bħallikieku l-għażliet fil-ħajja għandhom kollha l-istess valur. Dan iwassal lill-politiku Kattoliku f'pożizzjoni skomda, mhux l-inqas għaliex il-partit, li jrid jirbaħ il-voti, jippressa fuqu biex iwarrab il-konvinzjonijiet morali u reliġjużi tiegħu. Madankollu, il-libertà politika ma tistax iżżomm bħala bażi l-kunċett li l-għażliet kollha huma ugwali u daqsinsew. Fl-aħħar mill-aħħar, bħalma spiss naraw madwarna, ir-relattiviżmu morali jnawwar u jherri lill-istess demokrazija.

Id-demokrazija sseħħ permezz tal-partiti u tal-elezzjonijiet. Il-Kattoliku hu fid-dmir li jivvota lil xi partit politiku. U hawn jidħol ir-rwol tal-kuxjenza: "Il-kuxjenza Kristjana, ifformata tajjeb, ma tippermetti lil ħadd li bil-vot tiegħu jiffavorixxi t-twettiq ta' programm politiku jew ta' liġi waħda li tmur kontra l-bażi tal-fidi jew tal-morali" (ND, 4). Meta, imbagħad, l-ordnijiet tal-awtorità jkunu f'kuntrast mal-kuxjenza personali, il-bniedem għandu dejjem isewgi l-kuxjenza personali,[7] iżda jkun fid-dmir li jeżamina sew jekk il-kuxjenza tiegħu tkunx tabilħaqq verament imdawla.

Pawlu VI jgħallem li lanqas jista' l-Kattoliku, li jgħix il-politika bħala servizz, jissieħeb f'sistemi ideoloġiċi li jopponu radikalment punti importanti tal-fidi u tan-natura tal-bniedem. Isemmi Pawlu VI l-ideoloġija Marxista ta' materjaliżmu ateu li fil-kollettiviżmu tibla' l-libertà tal-individwu, u l-ideoloġija liberali li teżalta mingħajr limiti l-libertà individwali u t-tfittix esklussiv tal-interess personali u tal-poter.[8] Illum l-ideoloġija Marxista majnat, iżda l-liberaliżmu għandu r-riħ fil-qalgħa, riħ li jonfoħ mid-dittatura tal-konsumiżmu.

Il-Knisja trid, bħalma hu dmir tagħha, tgħallem u ddawwal il-kuxjenza tal-fidili, l-aktar ta' dawk li ddedikaw ruħhom għall-ħajja politika, sabiex il-ħidma tagħhom tkun dejjem għas-servizz tal-promozzjoni tal-persuna u tal-ġid komuni.

In-*Nota Dottrinali* tirreferi għall-każ gravi ta' nuqqas ta' apprezzament tal-intanġibbiltà tal-ħajja umana mit-tnissil sat-tmiem naturali tagħha. Il-parlamentari Kattoliċi ma jistgħux jagħtu l-appoġġ tagħhom għal-liġijiet bl-għan li jiffavorixxu jew japprovaw l-abort. Tobbliga ċar u tond in-ND: "Il-parlamentari għandhom id-dmir preċiż li jopponu kull liġi li sservi ta' attentat fuq il-ħajja umana. Għal kull Kattoliku hija obbligatorja l-impossibbiltà li jieħu sehem f'kampanja ta' opinjoni favur liġijiet bħal dawn, u lanqas ma hu permess għalih li jagħtihom appoġġ bil-vot tiegħu" (4).

Madankollu, in-ND tagħmel distinzjoni interessanti, li diġà kienet saret minn Ġwanni Pawlu II fl-Enċiklika *Evangelium vitæ*. Tkompli tgħid: "Fil-każ li ma jkunx possibbli li liġi abortista, imressqa għall-vot jew diġà in vigore, tkun imwarrba jew abrogata kompletament, membru parlamentari, li l-oppożizzjoni personali assoluta tiegħu kontra l-abort tkun ċara u magħrufa minn kulħadd, jista' leċitament joffri s-sostenn tiegħu għall-proposti bl-għan li jillimitaw id-danni ta' din il-liġi u jnaqqsu l-effetti negattivi fil-livell tal-kultura u tal-moralità pubblika" (4).

*...jissokta f'ħarġa oħra*

**Riferenzi**


1 Congregazione per le Dottrina della Fede, *Nota Dottrinale circa alcune questioni riguardanti l'impegno e il comportamento dei Cattolici nella vita politica* [ND], Novembru 2002.

2 F.P. Occhetta, *Quale Antropologia e Quale Spiritualità per la Politica. Proceedings of the First Meeting of Chaplains Serving Parliaments*, Libreria Editrice Vaticana, 2013.

3 Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes*, 1965, 43.

4 Franġisku, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii gaudium*, 2013.

5 Carlo M. Martini, *Decalogo ai Cristiani impegnati in Politica, 4. Il metodo democratico*, 1995.

6 Bartolomeo Sorge, "Da Cristiani in Politica. Il metodo democratico", f'*Aggioramenti Sociali*, 2002.

7 Ljun XIII, Enċiklika *Diuturnum illud*, 15.

8 Pawlu VI, Ittra Appostolika *Octogesima adveniens*, 26.



ATTWALITÀ

# ĠIMGĦA MEMORABBLI F'LAPPAGO

Kristina Marie Curmi

Flimkien ma' xi żgħażagħ membri tal-Grupp 23four, ilqajt l-istedina tal-Arċipriet għal safra b'differenza fil-villaġġ pittoresk ta' Lappago, l-Italja, fis-sajf li għadda.

Ma' sbiħ l-ewwel jum ta' Awwissu, kulħadd wasal bi ħġaru sabiex nibdew din il-ġimgħa sajfija fin-naħa ta' fuq tal-Italja. Għalkemm it-titjira kienet fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, kulħadd kien mimli enerġija u entużjażmu sabiex jgħix din l-esperejzna ma' sħabu. Minħabba li l-leaders ħallew il-programm ta' din s-safra bħala sorpriża, l-istudenti kienu ferm kurjużi dwar x'kien ġej għalihom f'din is-safra! L-ewwel waqfa tal-grupp kienet fil-villaġġ ta' Trento li kien jinsab fi triqitna lejn Lappago. Hawnhekk l-Arċpriet spjega lill-istudenti kif f'dan il-villaġġ kien seħħ il-Konċilju ta' Trento, li għen lill-Knisja ddaħħal fis-seħħ xi użanzi li għadna nipprattikawhom sal-ġurnata tal-lum. Wara li żorna d-Duomo, kellna ċ-ċans li nimirħu ftit f'dan il-villaġġ kwiet u nieklu platt għaġin tajjeb!

Wara li kilna, komplejna l-vjaġġ ta' erba' sigħat lejn Lappago, u mill-ewwel stajna ninnutaw l-abbundanza ta' għelieqi mimlijin tuffieħ u qamħ. Malli wasalna fid-destinazzjoni tagħna, kulħadd tgħaxxaq bil-veduta li konna ser nisbħu fiha f'dawk il-ġranet u bosta bdew japprezzaw il-klima friska li kienu ilhom ma jesperjenzaw bħalha f'Malta. Il-ħoss tas-skiet inkiser mid-daħk ta' xi żgħażagħ li kienu diġà bdew igawdu l-pixxina li kienet tinsab fil-qalba tal-akkomodazzjoni. Wara li poġġejna l-bagalji fil-kmamar tagħna, l-Arċipriet ħa ftit ħin sabiex jispjega xi regoli li ridna nirrispettaw madwar il-mejda tal-ikel u waqt il-ħin tal-ġabra. Dakinhar filgħaxija gawdejna l-bar li kien jinsab fl-akkomodazzjoni stess, sabiex l-għada filgħodu nqumu mistrieħa għal ġurnata mimlija daqs bajda.

L-għada filgħodu qomna kmieni sabiex ngħidu t-talb ta' filgħodu filwaqt li ngawdu l-fenomenu tat-twelid tas-sħab. Wara li ħadna l-kolazzjon, irħejnielha għal bosk qalb il-muntanji li jġib l-isem ta' Campo Tures. Aħna u mexjin stajna nosservaw id-devozzjoni li għandhom in-nies tal-lokal għar-reliġjon Niranija, li xi kultant aħna berdin fiha. Matul il-mixja ltqajna ma' bosta talbiet ta' għajnuna għal min ikun miexi f'dan il-bosk, ikkumplimentati b'monument relevanti u xena mill-isbaħ ta' xi kaskata. Din il-mixja kienet warm up għal waħda ferm itwal u ferm aktar diffiċli li konna ser nagħmlu jumejn wara. Fil-quċċata tal-muntanja ċkejkna li konna telgħin magħha wasalna f'kappella ċkejkna fejn iċċelebrajna quddiesa flimkien. Wara, irħejnielha għax-xmara Rienz fejn ħadna sehem f'attività sportiva u avventuruża flimkien. Il-grupp inqasam fi tnejn fuq żewġ dinghies u kull grupp ħa ħafna pjaċir jimpika mal-grupp l-ieħor. Kulħadd tħajjar jgħum u jaqbeż fix-xmara friska! Wara din l-attività rġajna lura lejn l-akkomodazzjoni u wara żorna villaġġ fil-qrib li organizza festival tal-ikel.



Il-ġurnata ta' wara żorna l-mużew tal-kristalli tal-Iswarovski u mbagħad morna sal-belt ta' Innsbruck. L-ewwel ħaġa li għamilna kienet li tlajna fuq il-muntajna ta' Innsbruck b'funikular u qattajna siegħa nitpaxxew bil-veduta tal-belt. Wara, qattajna sagħtejn fiċ-ċentru tal-belt ta' Innsbruck u filgħaxija attendejna għal ikla fil-pjazza tar-raħal ta' Bressanone.

Fir-raba' ġurnata tas-safra tagħna rħejnielha għal Val Gardena fejn għamilna mixja twila u ferm aktar diffiċli milli konna għamilna fit-tieni ġurnata. Dan għaliex il-passaġġ ma kienx imdellel bil-friegħi tas-siġar bħalma kien fl-ewwel mixja. Minkejja dan, il-veduti li rajna matul kienu uniċi u tassew memorabbli. Tistħajlek qiegħed tgħix f'kartolina! F'nofs il-mixja ċċelebrajna quddiesa flimkien qalb in-natura filwaqt li striħajna ftit bi preparazzjoni għall-mixi li kien fadlilna. Wara, żorna l-villaġġ ħelu ta' Ortisei fejn kilna ġelat tajjeb u żorna ħanut famuż għall-istatwi tal-injam. Hemmhekk irnexxielna nsibu statwa ta' San Ġorġ ukoll!

Fil-ġurnata ta' qabel tal-aħħar qattajna nofstanhar f'adventure park li kien qisu ġnien bl-ostakli qalb is-siġar. Wara, żorna żewġ lagi pittoreski: il-Lago di Dobbiaco u l-Lago di Braies. F'Lago di Braies krejna xi dgħajjes bil-moqdief u qattajna ftit ħin nittpaxxew bis-sbuħija tan-natura li konna ninsabu fiha.

Fl-aħħar ġurnata qattajna ftit sigħat Venezja, qabel erġajna lura Malta.

Din l-esperjenza żgur li se tibqa' mnaqqxa f'qalb iż-żgħażagħ kollha li kienu preżenti. Is-sentiment ta' gratitudni li nħass fl-aħħar mumenti ta' din l-esperjenza wera biċ-ċar li l-Grupp 23four joffri spazju fejn l-istudenti jimmaturaw spiritwalment u umanament.







# PANIĠIERKU TAL-1807 LILL-ECCE HOMO

## IT-TIENI PARTI: ANALIŻI LINGWISTIKA

MILL-ARKIVJU TAL-PARROĊĊA (8)



MILL-ARKIVJU

Toni Farrugia

Fl-ewwel parti tat-teżi, l-awtriċi tagħti tagħrif ġenerali fuq il-paniġierku. L-awtur huwa anonimu, imma nafu li xxandar fl-1807 peress li d-data hija miktuba fuq nett tal-ewwel paġna wara t-titlu, u għandna għax naħsbu li xxandar filgħaxija peress illi fl-ewwel vers il-predikatur jgħid: *nidher kuddiemcom fdin illeila*. Mis-suġġett nistgħu nassumu wkoll li l-paniġierku xxandar fir-Randan jew fil-Ġimgħa Mqaddsa. Il-paniġierku huwa maqsum f'żewġ partijiet: fl-ewwel parti l-predikatur jitħaddet fuq it-tbatija li sofra Ġesù biex jifdi l-bnedmin, filwaqt li fit-tieni parti l-predikatur jisħaq fuq kemm il-miġemgħa hi obbligata lejn Ġesù u x'għandhom jagħmlu biex juruh il-gratitudni kollha ta' qalbhom, u b'hekk jiksbu l-ħajja ta' dejjem fil-Ġenna. Bejn iż-żewġ partijiet saret pawsa sabiex tinġabar il-*Limosina*. Il-predikatur jinqeda bil-vokattiv *o N.N.* (ngħidu aħna, kien jgħid: "o parruċċani ta' San Ġorġ") biex jindirizza lill-kongregazzjoni ta' quddiemu. *N.N.* hi abbrevjazzjoni tal-frażi Latina *nomen nescio* li tintuża biex tirreferi għal xi ħadd anonimu (litteralment tfisser "ma nafx x'inhu l-isem"). Din l-abbrevjazzjoni tindika li l-predikatur probabbilment xxandar dan il-paniġierku fi snin u f'postijiet differenti.

Fit-tieni parti hemm it-traskrizzjoni tal-paniġierku. It-traskrizzjoni hija bil-Malti kif kien jinkiteb f'dawk iż-żminijiet, jiġifieri bl-ortografija Taljana peress illi l-grammatika tal-Malti kienet għadha ma kinetx stabbilita (il-'k' kienet tinkiteb 'ch' jew 'c', il-'ġ' kienet tinkiteb 'gi', u ċ-'ċ' kienet tinkiteb 'ci'). Nagħti eżempju billi nislet vers mill-ewwel paragrafu tal-paniġierku: *minghair telf ta zimien jehor inghaddi nistedincom taraw*. Ta' min josserva li fil-kelmiet 'minghair' u 'inghaddi' l-ittra 'għ' hija miktuba. Fil-paniġierku din insibuha b'mod konsistenti: *ghaineih*, *ghamel*, *ghandcom*, li jfisser li l-ittra 'għ' kienet titlissen għax kienu kienu jinkitbu 'minair' u 'inaddi'. Dan jgħodd ukoll għall-ittra 'h' għax fil-paniġierku nsibu kliem bħal *deher* u *hajithom*.

Fit-tielet parti l-awtriċi għamlet analiżi lingwistika dettaljata ferm, li fiha tinvestiga x-xhieda tal-ortografija Taljana, il-fonoloġija u aspetti oħra tekniċi tal-lingwistika ta' prattikament kull kelma li hemm fil-paniġierku. Mill-aspett lessikali mill-ġdid naraw kemm il-predikatur kien influwenzat mil-lingwa Taljana. Huwa juża espressjonijiet bħal *con tutto* u *ció non ostanti*, u kliem arkajku bħal *inkaminti* minflok *jivvjaġġaw* u *tispjedi* minflok *tispiċċa*.

Mill-aspett semantiku (l-istudju tat-tifsir tal-kliem) il-predikatur juża xi kliem li għadu jingħad imma li maż-żmien bidel it-tifsira: bħall-kelma *iggizauh* (jigżawh) li l-predikatur jużaha fis-sens ta' 'akkużawh' imma li llum tfisser 'irrapportawh', u bħall-kelma *fabrika* li l-predikatur jużaha fis-sens ta' 'bini' u sintendi mhux fis-sens li nifhmuha llum. (Din il-kelma ġieli tintuża f'xi kuntratti



L-Arċipriet Mikiel Cefai jipprietka minn fuq dan il-pulptu.

legali bħal fil-frażi *art fabbrikabbli*, biex turi li l-art hija tajba għall-bini). Juża wkoll il-frażi *mn'Alla*, li fil-paniġierku għandha t-tifsira litterali 'minn Alla' imma li llum għandha tifsira idjomatika f'sens li wieħed ikollu xorti tajba. Il-predikatur juża wkoll xi kliem li llum ma għadux jintuża, bħal *fdattant* u *inklelè* (fil-Malti modern ngħidu 'bħalissa' u 'inkella' rispettivament), u xi kliem li juri influwenza tad-djalettali tal-Magreb: *smahhom* flok *semagħhom* u l-forma t-twila tal-pronomi dimostrattivi *hedaca* u *hedina*. L-awtriċi tagħmel ukoll analiżi tal-morfoloġija u tas-sintassi ta' xi kliem użat fil-paniġierku.L-awtriċi tosserva li f'dan il-paniġierku l-predikatur ma jindirizzax il-qaddisin bil-binja qadima tal-forma "l-imqaddes" li ssegwi l-isem, imma jirreferi għalihom bit-titlu 'San' jew 'Santa' kif nagħmlu fil-Malti modern. Il-predikatur juża wkoll il-binja sintattika (l-arranġament ta' kliem) moderna 'la… u lanqas…' (*la fi hajitcom u inkas uara meutcom*) u mhux il-binja qadima 'u la… u la…'. Imma mbagħad il-paniġierku huwa miżgħud bil-binja sintattika qadima ta' 'u… u…' (…*u għat li Angelu tasema gharraf l'ommu, li chellha tohiroc tikila bih, u mita imbaghat tuielet giè imbiereck mn'Alla*).

Ir-raba' u l-aħħar parti tikkonsisti f'dizzjunarju tal-kliem li hemm fiż-żewġ paniġierki, imqassam f'sitt kolonni: l-ewwel kolonna fiha l-lemma (terminu lingwistiku għall-kelma li tkun fir-ras tad-definizzjoni tal-istess kelma, *head word* bl-Ingliż) kif tinsab fid-dizzjunarju *Maltese-English Dictionary* ta' Joseph Aquilina; fit-tieni kolonna nsibu l-kelma użata mill-predikatur ta' San Ġorġ u/jew mill-predikatur tal-Qala bl-ortografija Maltija moderna; it-tielet kolonna tikkonsisti fil-kitba tal-kelma bl-ortografija oriġinali kif instabet miktuba; fir-raba' kolonna hemm id-data tal-paniġierku li għaliha tappartieni l-kelma; fil-ħames kolonna hemm f'liema paniġierku u f'liema paġna tinstab il-kelma; u fis-sitt kolonna jingħata l-kuntest li fih jinsab il-kelma.



Il-pulptu li minn fuqu seta' xxandar il-paniġierku u li llum jinsab esibit fil-Mużew Il-Ħaġar.

**Errate Corrige**

Bi żvista, fl-ewwel parti tal-artiklu fil-ħarġa li għaddiet, in-numru fit-test li għalih tirreferi l-footnote ma ħariġx. Għalhekk hawn taħt qed inġib il-kelma flimkien mal-ispjega tagħha.

[1] **ċewlieħah:** ċarruta li l-furnar juża biex inaddaf il-forn, fil-kuntest tfisser biċċa drapp imqattgħa.
[2] **misraħ:** kelma qadima għal 'pjazza'.
[3] **tirsolvi:** verb arkajk ġej mit-Taljan, fil-Malti modern ngħidu 'tiddeċiedi'.
[4] **hekka:** kienet tintuża flok il-forma 'hekk' li tingħad fil-Malti modern; Serracino-Inglott jistqarr li hi għamla enfatika ta' 'hekk' li ftit għadha tingħad għax hi forma pompuża. Forma qadima oħra hi *hekda*.
[5] **fdattant:** (=fi+dan+it+tant) kelma arkajka, fil-kuntest tfisser 'bħalissa'.
[6] **jigżawh:** fil-kuntest tfisser 'akkużawh'.
[7] **hedaka:** forma twila tal-pronom dimostrattiv 'dak'; Serracino-Inglott jistqarr li dawn il-forom jintużaw dejjem fit-taħdit pompuż, ngħidu aħna fil-prietki.
[8] **kumparsa:** nom Rumanz li ma daħalx jew inqata' mit-taħdit.
[9] **pprova:** verb ġej mit-Taljan, fil-kuntest ifisser 'ġarrab'.
[10] **inklelé:** forma arkajka ta' 'inkella'.
[11] **Filistej:** forma qadima tal-plural ġejja mit-Taljan, fil-Malti modern ngħidu 'Filistin'.
[12] **farbrika:** nom arkajk ġej mit-Taljan, fil-Malti modern ngħidu 'bini'.
[13] **mn'Alla:** fil-paniġierku għandha t-tifsira litterali 'minn Alla', imma fil-Malti modern din il-frażi ħadet tifsira idjomatika f'sens li wieħed ikollu xortih tajba.
[14] **hedina:** forma twila tal-pronom dimostrattiv 'dan'.
[15] **mgħarwen:** parteċipju passiv kwadrilitteru Semitiku qadim mibni fuq il-mudell m1v23v4. In-numri jirrappreżentaw l-ordni tal-konsonanti tal-verb (f'dana l-każ GĦ-R-W-N), l-'m' hija tal-parteċipju passiv, u l-'v' hija l-vokali .
[16] **smagħhom:** fil-kelma *smahhom* (semagħhom) il-vokali atona qasira u f'sillaba miftuħa taqa', drawwa tad-djalettali tal-Magreb.
[17] **inkaminti:** verb arkajk ġej mit-Taljan, fil-Malti modern ngħidu 'jivvjaġġaw'.
[18] **nirposaw:** verb arkajk ġej mit-Taljan, fil-Malti modern ngħidu 'nagħmlu waqfa qasira'.
[19] **limosina:** kelma arkajka ġejja mil-Latin, fil-Malti modern ngħidu 'karità'.
[20] **tikkontinwaw:** verb arkajk ġej mit-Taljan, fil-Malti modern ngħidu 'tkomplu'.
[21] **tpartu:** verb arkajk ġej mit-Taljan, fil-Malti modern ngħidu 'tħalli'.
[22] **tispjedi:** verb arkajk ġej mit-Taljan, fil-Malti modern ngħidu 'tispiċċa'.

# ID-DEKORAZZJONI TAL-KOPPLA TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ



MILL-ARKIVJU

John Cremona

Dwar il-bini mill-ġdid tal-koppla preżenti tal-Bażilika ta' San Ġorġ u d-dekorazzjoni tagħha mill-pittur Gian Battista Conti nkiteb ħafna u hemm ħafna informazzjoni ppubblikata. L-għan tal-artiklu tiegħi huwa li nitfa' dawl fuq l-ewwel tentattivi għad-dekorazzjoni tal-koppla, l-artisti li kienu ssuġġeriti biex jagħmlu dan ix-xogħol, u kif saret l-għażla finali ta' Conti.

Il-koppla ġiet inawgurata nhar it-18 ta' Diċembru 1949. Skont il-Kan. Nikol Vella Apap, is-suġġetti li naraw illum kienu idea tal-Arċipriet Mikiel Cefai, iżda Conti oriġinarjament kien ippreżenta abbozz kompletament differenti. F'dan l-artiklu ser naraw proprju l-ewwel ideat li ssawru għad-dekorazzjoni ta' din il-koppla.



Gian Battista Conti.

**Pittur Taljan għal San Ġorġ**

Għalkemm il-ħsieb tad-dekorazzjoni tal-koppla beda jberren fis-snin immedjatament wara t-Tieni Gwerra Dinjija, is-sentimenti anti-Taljani ma jidhirx li affettwaw lill-parruċċani ta' San Ġorġ. Il-Kan. Nikol Vella Apap fl-artiklu li diġà semmejt jgħid li "l-parruċċani ta' San Ġorġ dejjem kellhom ix-xewqa li l-knisja tagħhom titpitter minn pittur Taljan". Dan minkejja li l-gwerra kienet għadha friska fil-moħħ tal-poplu u f'Malta kien hawn artisti ta' ħila fid-dekorazzjoni tal-knejjes bħal Emvin Cremona (1919-1987) u Giuseppe Briffa (1901-1987). Dan huwa kkonfermat ukoll minn ittra kunfidenzjali mibgħuta minn parruċċana ta' San Ġorġ lill-Arċipriet Cefai fejn tgħidlu: *"Jekk jogħoġbok issa għid illi il Pittur ġej il għaliex smajt nies jgħidu il Pittur mhux ġej allura jien dak li wiedt ma natiħx. U smajt ukoll li qal is-Sur Carlo Galea, jekk dik li sejjer noħroġ il flus għaliha ma jagħmilhiex is-Sur Conti jiena flus ma natix"*.

F'ittra li l-Arċipriet Cefai bagħat lil wieħed emigrant fil-25 ta' April 1950, fejn jinfurmah li l-koppla ġiet inawgurata, jgħidlu wkoll: *"Nahseb li dis-sena jigu hafna Maltin biex jarau il-Koppla, ghax ghamlet hafna forur Malta; ghalkem il-Maltin ittentauna chem felħhu ghax ma riedux li ngibu Pittur Taljan, imma rbahna iddifficultajiet kolla u ġibnieh"*.

Il-kuntatti bejn Conti u San Ġorġ nibtu frott il-konoxxenza bejn Conti u d-dekoratur Ġużeppi Galea (1911-1993) mir-Rabat ta' Malta, u jidher li diġà kienu għaddejjin fis-sena 1946, ftit aktar minn sena wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija. Qabel il-Gwerra, Conti kien diġà qed jaħdem f'Malta. Mark Sagona jgħid li Conti u Galea saru jafu lil xulxin f'Ruma meta Galea kien qed jistudja. Huma ħadmu flimkien fuq id-dekorazzjoni tal-koppla tal-knisja tad-Dumnikani tal-Lunzjata fil-Birgu, iżda b'xorti ħażina, għalkemm ix-xogħol kien lest, qabel ma ġiet inawgurata nqerdet bil-bombi tat-Tieni Gwerra Dinjija.

**L-ittra ta' Conti**

Nhar l-Epifanija, fis-6 ta' Jannar 1947, Conti bagħat ittra lill-Arċipriet Cefai li fiha jurih li ħa r-ruħ meta rċieva ittra mingħand l-Arċipriet b'risposta għal żewġ ittri li l-pittur kien bagħat f'Settembru ta' qabel u li għalihom ma rċieva ebda risposta. Teħel il-posta ta' dak iż-żmien. Iżda peress li sa sitt xhur wara d-data ta' din l-ittra l-Arċipriet Cefai kien għadu qed ifittex li jikseb il-parir tal-Kummissjoni tal-Arti Sagra f'Ruma, aktar naħseb li l-Arċipriet ma riedx jikkommetti ruħu qabel ikun żgur mill-għażla tiegħu. Conti ried il-kummissjoni tal-pittura bl-art u l-baħar. Fl-ittri ta' qabel Conti kien diġà għamel xi proposti dwar is-suġġetti u t-tqassim tal-koppla u ħaseb li kien azzarda wisq meta qabad u bagħat il-proposti tiegħu, meta lanqas biss kien għadu ġie kkummissjonat biex jagħmel ix-xogħol tal-koppla. Imma bħal donnu jserraħ rasu għaliex ir-risposta tal-Arċipriet ma kinitx waslitlu għax qal li f'dak iż-żmien kien qed jiġri spiss li l-ittri jintilfu.

Fuq karta rqiqa ferm u f'envelop irqiq bħalha biex ma jħallasx ħafna posta, Conti mhux biss jikteb l-ittra tiegħu fuq iż-żewġ naħat tal-karta, imma jdeffes ukoll abbozz bil-linka blu u ħamra tal-ewwel proposta tiegħu għad-dekorazzjoni pittorika tal-koppla.

Conti jinforma lill-Arċipriet li f'dawk l-aħħar ġranet kien studja, irriċerka, ikkonsulta persuni kompetenti u ħażżeż fuq li ħażżeż disinni sakemm lesta skizz *"alla buona"* li kien qed jibgħatlu fl-ittra.

**Conti jispjega l-kunċett wara d-disinn tiegħu**

Conti qassam il-koppla fi tmien flieli. Fit-tliet flieli tan-nofs, faċċata tal-bieb ta' barra, huwa ppropona xena mill-Apokalissi ta' San Ġwann. Fiċ-ċentru, f'dawl jiddi jidher it-tron li fuqu jinsab il-Ħaruf li jpoġġi fuq il-ktieb bis-seba' siġilli. Minn għonqu jidher ħiereġ id-demm li jinġabar f'kalċi. Madwar it-tron jidhru s-seba' kandelabri tad-deheb u fl-għoli l-erba' ħlejjaq ħajjin li jirrappreżentaw lill-Evanġelisti li l-ġwienaħ tagħhom huma ingastati b'għajnejn. Fin-naħa ta' isfel jidhru l-24 xiħ, lebsin ilbies abjad u b'kuruni tad-deheb fuq rashom, mixħutin jaduraw lill-Ħaruf.

Fiż-żewġ flieli l-oħra, wieħed fuq kull naħa, jidhru San Pawl u San Ġorġ liebes il-korazza, tal-ewwel il-Patrun ta' Malta u l-ieħor it-titular tal-knisja, li Conti jgħid li jsibu l-post


Phone: 4777 Malta 1st Oct 1948
Monsignor Michael Cefai Dr. to
St. George's Ironmongery Stores
JOSEPH FALZON & SONS
66, St. Paul's Street, Valletta.
Store: 15, East Street, Valletta.
WHOLESALE AND RETAIL

Tubes "Rembrant" Artist Oil Colours
24 Titanium White – white
48 Yellow Ochre
48 Raw Sienna
48 Burnt do
48 Pozzuoli Earth
12 Mars Red
12 Cadmium Red Extra light
6 do deep
6 Carmine Lake
24 Ultramarine light
24 Cobalt blue light
24 Ultramarine deep
24 Emerald green
12 Ivory Black
12 Cadmium Lemon
12 do Yellow (Med)
12 do Orange
12 Permanent Violet
12 Ultramarine Violet
Carried Forward £132 10 6½

Phone: 4777 Malta 19
Continued Dr. to
St. George's Ironmongery Stores
JOSEPH FALZON & SONS
66, St. Paul's Street, Valletta.
Store: 15, East Street, Valletta.
WHOLESALE AND RETAIL

Tubes Fine Oil Colours Series 104
Brought Forward £132 10 6
36 Titanium white
36 Yellow Ochre
36 Raw Sienna
24 Burnt do
30 Pozzuoli Earth
12 Ivory Black
12 Cadmium Red light
6 Carmine Lake
15 Cobalt blue light
15 Ultramarine light
15 do deep
6 Cadmium Lemon
6 " Yellow (Med)
6 " Orange
6 Indian Red
12 Flat Lascow brushes 20
12 do 16
12 do 12
£174 6 2

Kont taż-żebgħa u materjal ieħor meħtieġ għall-pittura tal-koppla.

iġġustifikat tagħhom f'din ix-xena tal-Ġenna. Il-pittur jgħid li fl-isfond tal-qaddisin pinġa numru ta' anġli, imma dawn jistgħu jiġu sostitwiti bil-ħuġġieġa bil-lifgħa u b'San Publiju għarkupptejh fil-każ ta' San Pawl u bil-ġwienaħ tad-dragun fuq naħa u t-tfajla għarkupptejha fuq in-naħa l-oħra fil-każ ta' San Ġorġ. Eventwalment, San Ġorġ liebes il-korazza, għalkemm b'pożizzjonijiet differenti ta' jdejh, sab postu f'waħda mill-flieli tal-koppla li naraw illum.

Fit-tliet flieli l-oħra li jiġu faċċata tal-Kor, Conti ppropona r-rakkont tax-xebbiet għaqlin u dawk boloh. Fin-nofs jidher Ġesù, l-għarus, li qiegħed jiftaħ il-bieb, biex jilqa' l-henjin fil-Ġenna rrappreżentati mit-tfajliet bl-imsiebaħ tagħhom mixgħula. Fuq ix-xellug jidhru x-xebbiet l-oħra fid-dlam tad-disperazzjoni għax ser jibqgħu barra mill-festa tat-tieġ. Fin-naħa ta' fuq tat-tmien flieli jidher anġlu jżomm strixxa li fuqha hemm miktuba t-tmien Beatitudni li Ġesù qal fid-Diskors tal-Muntanja.

Il-pittur Conti jagħlaq l-ispjega tiegħu billi jiżgura lill-Arċipriet li dawn l-ideat tiegħu ddiskutiehom ma' persuni awtorevoli li lkoll urewh l-approvazzjoni sħiħa tagħhom. Barra minn hekk l-iskemi kromatiċi li kien qiegħed jipproponi flimkien mal-kuntrasti bejn dawl 'sħun' bħal dak li ħiereġ mill-qalb ta' Ġesù u partijiet 'kiesħa' bħal-lejl mudlam tat-tieġ, għandhom joħolqu kompożizzjoni magħquda li tirrappreżenta b'mod interessanti l-kunċett tal-Ġenna.

Filwaqt li jgħidlu li jistenna b'ansjetà r-risposta tal-Arċipriet, jibgħat iselli għalih u għal Giuseppe Galea, id-dekoratur tal-koppla, u jagħtihom l-awguri għas-sena l-ġdida.

**Parir tal-Kummissjoni Pontifiċja Ċentrali għall-Arti Sagra fl-Italja**

Għalkemm il-kuntatti ma' Gian Battista Conti kienu ilhom għaddejjin, tant li Conti kien saħansitra laħaq bagħat l-ittra bl-ewwel abbozz tal-koppla, l-Arċipriet Cefai xorta ħass li għandu jitlob il-pariri ta' nies kompetenti fl-Arti Sagra. Wara kollox ix-xogħol li kellu jwettaq Conti kellu jikkaratterizza l-iskema dekorattiva tal-Bażilika għal dejjem u allura ma setax jagħmel pass ħażin f'għażla daqstant kruċjali.

Fit-2 ta' Lulju 1947 l-Arċipriet Cefai bagħat ittra lill-Pontificia Commissione Centrale per l'Arte Sacra in Italia li l-President tagħha kien l-Arċisqof Giovanni Costantini. Jidher li ma kinitx l-ewwel ittra li bagħat l-Arċipriet Cefai, għaliex fir-risposta għal din l-ittra Costantini jgħidlu li jifhem ir-raġunijiet li spjegalu Cefai għaliex ma tistax issir żjara fuq il-post. Costantini jgħid li l-ħsieb tiegħu kien li jitnieda konkors biex jintgħażel artist tajjeb, imma peress li l-qisien tal-knisja mhumiex kbar wisq, allura l-għażla diretta ta' artist kienet aktar tagħmel sens. F'dan ir-rigward Costantini jinforma lill-Arċipriet li huwa konxju mill-fatt li diġà kien hemm kuntatti bejn Conti u Cefai peress li Conti kien mar jurih abbozz li kien diġà pprepara. B'eżempju klassiku tad-djuqija tipika tal-Kurja Rumana, il-President tal-Kummissjoni jgħidlu li ma setax jesprimi opinjoni jew jagħti parir lil Conti għaliex l-Isqof ta' Għawdex ma kienx tah dan l-inkarigu. Hawn jaqtagħlu fil-qasir u jgħidlu li f'dawn iċ-ċirkustanzi ma jistax jagħti aktar pariri. Imma biex donnu jiġborha, jagħlaq l-ittra tiegħu billi jgħid li jaqbel li l-istorja ta' San Ġorġ ma tistax tiġi ttrattata b'mod konvenjenti fil-koppla, imma għandha ssib post fis-saqaf tal-knisja. Jgħidlu wkoll li jekk



PONTIFICIA COMMISSIONE CENTRALE
PER L'ARTE SACRA IN ITALIA

IL PRESIDENTE

Prot. Num. 4900
(da citarsi nella risposta)

Roma, 18 luglio 1947
Palazzo della Cancelleria Apostolica
Piazza della Cancelleria, 1

Rev.mo Arciprete,

in possesso della Sua del 2 luglio, mi rendo perfettamente conto delle ragioni che rendono difficile un sopraluogo.

Lo avevo suggerito perchè ritenevo che la cosa fosse di tale imprtanza da poterne fare oggetto di un concorso: proprio in questi giorni stiamo giudicando una gara indetta per l'architettura di una chiesa di Pisa e i risultati si annunciano già ottimi.

Essendo la cosa di minori proporzioni di quanto avevo immaginato è certo preferibile l'incarico diretto ad un artista. Credo che il pittore Conti sia stato già officiato perchè in questi giorni mi ha parlato del progetto e voleva che io esaminassi un bozzetto già preparato.

Non ho potuto aderire al suo desiderio perchè S.E.Mons.Vescovo di codesta Diocesi non mi ha dato questo incarico.

Ad ogni modo, in queste condizioni, non mi è possibile fare altre segnalazioni.

Circa i soggetti da trattare ritengo anch'io che la storia o leggenda di S.Giorgio non possa trovare posto conveniente nella cupola ma vada in seguito trattate sulle pareti della chiesa.

Se anche la cupola non potesse fare a meno del Santo cavaliere, vi si potrebbe raffigurare il suo ingresso nella gloria celeste.

Porga i miei ossequi a S.E.Mons.Pace e gradisca i sensi della mia considerazione.

Dev.mo

+ Giovanni Costantini
Arcivescovo Tit. di Colosso

Al Rev.mo Sacerdote
D.MICHELE CESARI
Arciprete di S.Giorgio
(M A L T A) VITTORIA- GOZO

Ittra tal-Kummissjoni Pontifiċja għall-Arti Sagra.

lanqas fil-koppla ma jistgħu jgħaddu mingħajr ma jdaħħlu lil San Ġorġ, allura għandu jiġi ttrattat is-suġġett tal-glorja ta' San Ġorġ u d-daħla tiegħu fil-Ġenna. Jagħlaq l-ittra tiegħu billi jibgħat iselli għall-Isqof ta' Għawdex.

L-Arċipriet Cefai ma jaqtax qalbu u jibgħatlu ittra oħra tlett ijiem wara Santa Marija tal-istess sena li għaliha l-Arċisqof Costantini wieġeb fid-29 ta' Awwissu. Huwa jirringrazzjah tal-elemożina ta' quddiesa li bagħatlu l-Arċipriet u jkompli billi jgħidlu li huwa ferm diffiċli u delikat biex tindividwalizza artist għal dan ix-xogħol meta l-għażla tkun ibbażata fuq preferenza personali. Madankollu, din id-darba jelenka l-ismijiet ta' sitt artisti li fl-opinjoni tiegħu setgħu jwettqu x-xogħol f'San Ġorġ skont l-esiġenzi mitluba.

L-artisti ssuġġeriti huma:

1) **Antonio Achilli** minn Via Flaminia, Ruma, li kien għadu kif pitter serje ta' affreski fil-binja tal-Kunsill Nazzjonali tar-Riċerka.
2) **Baccio Bacci** minn Via Fra Angelico, Fiesole (Firenze), li kien rebaħ konkorsi importanti u wettaq xogħlijiet artistiċi ta' arti sagra *"sanamente moderna"*.
3) **Amadeo Bocchi** ta' Via Villa Ruffo, Ruma, li kien Akkademiku ta' San Luca u ħadem flimkien ma' Casanova fil-Bażilika ta' Sant'Antnin f'Padova.
4) **G.B. Conti** ta' Via Ulpiano, Ruma, "diġà magħruf minnkom".
5) **Filippo Figari** minn Atzara, Cagliari, li wettaq xogħlijiet ta' dekorazzjoni mfaħħra ħafna fil-Palazzo Comunale ta' Cagliari; u
6) **Corrado Mezzana** ta' Via Ruggero Bonghi, Ruma, awtur ta' xogħlijiet prestiġjużi ta' arti sagra u konsulent tal-istess Kummissjoni tal-Arti Sagra. Dan, għalkemm kellu 57 sena, ma kienx f'pożizzjoni li jħalli r-residenza tiegħu għal tul ta' żmien u fil-fatt miet 5 snin wara.

**Jibda x-xogħol**

L-għażla, kif kien jidher mill-bidu, waqgħet fuq il-pittur Ruman Gian Battista Conti. Il-Kan. Nikol Vella Apap jgħid li Conti ġie Għawdex f'Mejju 1948 u esebixxa xi mudelli ta' pittura tiegħu fil-knisja. Vella Apap, storiku metikoluż li fil-kronaka tiegħu kien iniżżel sal-iċken dettall, jgħid li l-istoċċijiet taż-żebgħa u l-pniezel xtrathom il-Parroċċa mingħand id-Ditta Falzon ta' Strada San Paolo, il-Belt Valletta. Fil-fatt, il-kont li jammonta għal 174 Lira Sterlina, 6 xelini u 2 soldi, huwa ddatat fl-1 ta' Ottubru 1948. Dan ifisser li Conti beda x-xogħol fuq il-pittura tal-koppla f'Ottubru 1948 u x-xogħol ġie inawgurat sena u xahrejn wara. Ta' min jinnota li meta beda x-xogħol fuq il-pittura tal-koppla, Conti kellu diġà 70 sena.

Fl-ittra li l-Arċipriet Cefai bagħat lil wieħed emigrant li kkwotajt aktar 'il fuq, jinformah li l-koppla ġiet inawgurata nhar it-18 ta' Diċembru li għadda (1949) u li *"il Pittura giet maghmula mil Prof. Giambattista Conti min Ruma, li gibnieh apposta; u ix-xoghol irnexxa magnificament; culhadd vuci wahda li dan ix-xoghol jista joghkod go Ruma"*.

**Biblijografija**

Bezzina John, *Il-pittura fil-Bażilika ta' San Ġorġ (Storja u tifsir)*, Malta 1965.
Sagona Mark, "Art Treasures – An overview", f'Cini Charles (Ed.), *St George Gozo's Golden Basilica*, Malta 2011.
Vella Apap Nikol, "Għeluq il-ħamsin sena mill-inawgurazzjoni tal-Koppla monumentali tal-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex (1949-1999)", f'*Festi San Ġorġ*, Lulju 1999, Nru 25.

ATTWALITÀ



# IL-25 ANNIVERSARJU TAL-VICTORIA INTERNATIONAL ARTS FESTIVAL (1997-2022)

Il-Kan. George J. Frendo

Ħaġa waħda nista' ngħid b'ċertezza assoluta… Kieku 25 sena ilu qgħadna ninkwetaw kif dak li bdejna konna se nkompluh sena wara oħra, kieku ma konniex nibdew żgur u mhux forsi. U kieku, ma konniex inkunu nafu x'konna se nitilfu. U mhux aħna biss, iżda magħna eluf li matul dawn l-aħħar 25 sena bbenefikaw minn dan il-fenomenu (għax dak li tassew hu l-Victoria International Arts Festival meta tqis iċ-ċirkustanzi kollha) li għall-grazzja ta' Alla u bil-kontribut diżinteressat tal-ħafna għadu sejjer u jalla jibqa'.

L-idea oriġinali kienet sempliċi u innovattiva. Xtaqna nagħtu dimensjoni kulturali ta' ċertu livell lill-Festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ, b'tali mod li l-Festa ma tibqax assoċjata biss ma' marċijiet u l-bqija, iżda nintroduċu wkoll element ta' kultura partikularment mużikali li jwessa' d-dinamika tagħha. Għal dan il-għan konna ħsibna li nistiednu wħud ħbieb tagħna mużiċisti mill-Italja u l-Ingilterra jekk jogħġobhomx jiġu jagħtu kunċert fil-kuntest tal-Festa. Kienet stedina mingħajr pretensjonijiet ta' xejn u tistrieħ totalment fuq il-ħbiberija. Hekk beda x-xogħol. Aħna nibqgħu grati lejn dawn il-mużiċisti li ġentilment taw is-servizz eċċellenti tagħhom bil-qalb u gratwitament. Kienu huma li għamlu possibbli dak kollu li ġie wara. Kieku dawn ippretendew ġustament li jitħallsu b'mod professjonali, kieku l-idea kienet tmut f'ġuf ommha.

Imma mhux talli ma mitetx, talli bħal żerriegħa tat il-frott bil-mija fil-wieħed u lil hemm mill-aktar aspettattivi ambizzjużi li qatt seta' jkollna. Min qatt seta' jimmaġina kif kellu jiżvolġi x-xogħol: minn 4 kunċerti għall-34 li kellna f'din is-sena ċelebrattiva, biex ma nsemmux l-attivitajiet



edukattivi u artistiċi oħra anċillari li jikkaratterizzaw il-Festival li attwalment hu l-ikbar wieħed tat-tip tiegħu f'Malta? U biex tgħid, aħna ma tantx aħna neqsin mill-immaġinazzjoni! Iżda tassew li m'hemmx limitu għal fejn wieħed jista' jasal bil-qawwa tal-ħbiberija f'postha. Il-formula oriġinali għadha tagħti l-frott u x-xibka dejjem tinfirex bis-saħħa ta' kuntatti ma' diversi professjonisti u istituzzjonijiet akkademiċi u entitajiet stabbiliti, tant li l-akbar investiment tal-Festival huwa proprju dan. Jekk xejn, il-Festival hu xhieda tal-qawwa tal-ħbiberija msejsa fuq stima reċiproka u dik l-esperjenza unika ta' ferħ veru li l-mużika kapaċi tiġġenera.

Tassew id-dimensjoni 'internazzjonali' ġiet qabel id-dimensjoni 'lokali' fil-Festival tagħna. Il-Festival ħa spinta kbira 'l quddiem f'kull aspett tiegħu bid-direzzjoni artistika tal-mibki Surmast Joseph Vella. Din is-sena ftaħna l-Festival bil-kompożizzjoni tiegħu *Sounds of Celebration op. 129* li kien ikkompona speċifikament biex jiġi ċċelebrat il-15-il anniversarju tal-Festival għaxar snin ilu. Dakinhar kienet indaqqet fil-Bażilika ta' San Ġorġ waqt il-Kunċert Finali tal-Festival. Din id-darba bdejna biha fil-kunċert inawgurali fit-Teatru Astra. Hekk kien jixraq u hekk sar. Naturalment kieku kien għadu magħna kien jikkomponi biċċa oħra. Ma tantx kien ibati biex jikkomponi s-Surmast Vella! Iżda ma kellux ikun. Jekk fiżikament m'għadux magħna, fl-ispirtu magħna għadu u magħna jibqa'. Ma niżbaljax żgur jekk ngħid li l-Festival lilu jgħajjat f'iktar minn sens wieħed.

Ovvjament xejn ma jinħoloq ġo vojt. L-ambjent mhux biss 'fiżiku' iżda fuq kollox dak 'spiritwali' hu neċessarju u essenzjali biex idea tinbet u timmatura. Ir-riżultati ma jiġux bix-xejn jew bl-addoċċ. L-isfond irid ikun hemm. U l-isfond hemm kien, huwa u jibqa'. Għal mijiet ta' snin San Ġorġ kien il-benniena mhux biss reliġjuża iżda wkoll kulturali tal-poplu tagħna. Kien il-mutur tal-ħajja reliġjuża, kulturali u soċjali li huma l-identità tagħna. L-apertura lejn dak kollu li hu sabiħ hi l-identità tagħna. Aħna f'dan l-ambjent twelidna u kbirna. Ambjent li jispirak u mhux ixekklek; ambjent li jgħinek ittir dejjem iktar 'il fuq u mhux li jiksirlek il-ġwienaħ; ambjent li jiftaħlek il-bibien u mhux jimbarrahom; ambjent fejn il-medjokrità la hi aċċettata u lanqas aċċettabbli; ambjent li jippermettilek li tibqa' għaddej, mhux li tieqaf.

*Soli Deo gloria*: Glorja lil Alla waħdu. Aħna dan li jmexxina: hekk trabbejna, dejjem hekk imxejna. U dan hu l-ispirtu li nissilna f'kull min ħadem magħna. Dan hu żgur l-isbaħ, l-ogħla u l-aqwa wirt li qatt nistgħu nħallu. Kif tenna kemm-il darba l-Papa Benedittu XVI, din hi t-triq tad-deheb – *via aurea* – li twassal għall-kontemplazzjoni tas-Sbuħija fl-għajn tagħha: Alla nnifsu.

# KRONAKA PARROKKJALI





## MEMBRI ĠODDA fil-komunità parrokkjali

**10/09/2022** **Riley Diane** bint Tommy Clobus u Kimberly Carter
**17/09/2022** **Gabrielle** bint Dorian George Grech u Andrea Mary Joyce Tabone
**02/10/2022** **Sean** bin Joseph Buhagiar u Sarah Buttigieg
**07/10/2022** **Francesca-Mae** bint Mark Grima u Josette Vella
**09/10/2022** **Luigi** bin Rainier Farrugia u Anabel Grech
**15/10/2022** **Liam** bin Kevin Shawn Vella u Jessica Marie Grech
**16/10/2022** **Henry** bin Jean-Paul Gatt u Christine Camilleri
**30/10/2022** **Georganne** bint Josmark Farrugia u Isabelle Attard
**06/11/2022** **Marie** bint George Attard u Georgette Cassar
**08/12/2022** **Aiden** bin Joseph Buttigieg u Clementina Loretta Cassar
**10/12/2022** **Violet** bint Daniel Cassar Alpert u Charleen Caruana
**11/12/2022** **Eli** bin Andrè Josef Grech u Corine Cassar

## Ingħaqdu fis-sagrament TAŻ-ŻWIEĠ

**01/10/2022** **Albert Cachia** u **Antinette Portelli**
**22/10/2022** **Alassane Bah** u **Charlene Schembri**

## Marru jingħaqdu ma' KRISTU RXOXT

***Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt***

**07/09/2022 Carmel Attard**
**21/09/2022 Giorgia Cremona**
**27/09/2022 Vincenza Vella**
**27/10/2022 Grace Vassallo**
**07/11/2022 Margaret Vassallo**
**05/11/2022 Anthony Spiteri Staines**
**09/11/2022 Mary Borg**
**19/11/2022 Esther Grech**
**28/11/2022 Walter Alan Said**
**29/11/2022 Edith Mamo**
**15/12/2022 George Farrugia**

# IS-SEMINARISTA MATTHEW ATTARD



Għas-Sena Pastorali 2022-2023, is-superjuri tas-Seminarju għoġobhom jassenjaw lis-seminarista Matthew Attard, li hu mill-Parroċċa ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija, biex jagħmel ħidma pastorali fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, speċjalment nhar ta' Ħamis, Sibt u Ħadd. Din hi mifruxa minn laqgħat tal-adolexxenti għal dawk tal-Griżma, kif ukoll il-Quddiesa tal-Familji u t-Tfal nhar ta' Ħadd u servizzi oħra liturġiċi. Matthew jiġi n-neputi ta' Patri Ġorġ Attard OFMCONV, li bħalissa qed jagħti servizz f'Ruma bħala Penitenzier fil-Bażilika tal-Vatikan.

Fl-aħħar snin il-Parroċċa tagħna kienet imbierka bil-preżenza ta' bosta seminaristi ħabrieka li għamlu esperjenzi fil-komunità, li kienu ta' arrikkiment spiritwali u uman kemm għalihom u kemm għaliha. Inkomplu nitolbu għal iktar vokazzjonijiet.

KRONAKA



# MID-DJARJU PARROKKJALI

SETTEMBRU-DIĊEMBRU 2022

Andrew Formosa

**» 20 ta' Settembru**
**6.30pm:** Il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ċċelebra l-Ewwel Għasar tas-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana.
**» 21 ta' Settembru**
**6.00pm:** L-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma mexxa t-Tieni Għasar u wara l-Konċelebrazzjoni Solenni fil-267 Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika.



**» 25 ta' Settembru**
**10.00am:** L-Arċipriet ta l-Mandat lill-katekisti fil-bidu ta' sena pastorali oħra.
**» 26-28 ta' Settembru**
**05.30pm:** Il-Kan. Geoffrey G. Attard mexxa quddiesa bl-omelija bi preparazzjoni għall-Festa parrokkjali ta' San Mikiel.
**» 29 ta Settembru**
**6.00pm:** Mons. Joseph Zammit mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Festa parrokkjali ta' San Mikiel Arkanġlu.
**» 2 ta' Ottubru**
**10.00am:** Reġgħet bdiet tiġi organizzata l-quddiesa għall-familja kull nhar ta' Ħadd.
**» 5-7 ta' Ottubru**
**05.30pm:** Saret quddiesa bl-omelija fil-jiem tat-Tridu tal-Madonna ta' Fatima.
**» 7 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Saret ċelebrazzjoni tal-ftuħ tas-Sena pastorali għall-Gruppi 23four tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa fil-Bażilika u fi Pjazza San Ġorġ.



**» 8 ta' Ottubru**
**05.30pm:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa solenni u Purċissjoni fit-toroq ta' madwar il-Bażilika fil-Festa parrokjali tal-Madonna ta' Fatima.



**» 10 ta' Ottubru**
**8.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp 23four tal-18+ f'Dar Patri Manwel Magri, l-Imsida, Malta. Din baqgħet issir kull ġimgħa fl-istess ħin.
**» 11 ta' Ottubru**
**7.15pm:** Beda jitlaqqa' mill-ġdid il-Grupp Oikos għall-koppji fl-ewwel snin taż-żwieġ, fis-Sala Parrokkjali.
**» 12 ta' Ottubru**
**7.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp 23four tal-15+ fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din baqgħet issir kull ġimgħa fl-istess ħin.

**» 13 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Gruppi 23four tal-Forms 4 u 5 fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din baqgħet issir kull ġimgħa fl-istess ħin.
**» 15 ta' Ottubru**
**06.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa tal-Grupp 23four tal-Form 2 fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din baqgħet issir kull ġimgħa fl-istess ħin.
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Grupp tal-Familji, immexxija mill-Kan. Richard N. Farrugia. Il-laqgħat komplew isiru kull xahar fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 29-30 ta' Ottubru**
Il-Grupp 23four, flimkien mal-Grupp tal-Adolexxenti tal-Katidral, organizza bake sale bħala ġbir ta' fondi għall-missjoni ta' Dun Mario Curmi fil-Gwatemala.
**» 30 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Inxtegħlet il-Mixegħla tal-Qaddisin organizzata mill-Ministeru għal Għawdex madwar il-lokalitajiet kollha. Il-Mixegħla fi Pjazza San Ġorġ kienet tirrappreżenta simboli marbuta mal-martirju ta' San Ġorġ.
**» 3 ta' Novembru**
**05.00pm:** Il-kandidati għas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof żaru s-Seminarju Maġġuri, filwaqt li l-ġenituri kellhom laqgħa mmexxija mill-Arċipriet fl-istess Sala tas-Seminarju.
**08.00pm:** Il-Grupp 23four organizza mixja madwar Għawdex fejn fost l-oħrajn żaru ċ-ċimiterji tax-Xagħra u tal-Qala.
**» 5 ta' Novembru**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fix-Xewkija għall-erwieħ mejtin tal-Parroċċa.
**» 8 ta' Novembru**
Saret ħarġa għal Malta għall-anzjani tal-Parroċċa.
**» 9 ta' Novembru**
**05.30pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Festa tad-Dedikazzjoni tal-Arċibażilika ta' San Ġwann Lateran.
**» 12 ta' Novembru**
**05.30pm:** Mons. Joseph Zammit mexxa Quddiesa Solenni fil-Festa parrokkjali ta' San Klement Martri.



**» 26 ta' Novembru**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa fil-Festa ta' Santa Ċeċilja, Patruna tal-mużiċisti, li għaliha attendew numru sabiħ ta' rappreżentanti ta' soċjetajiet bandistiċi f'Għawdex. Din kienet organizzata mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, u fi tmiemha l-istatwa ta' Santa Ċeċilja, proprjetà tal-Għaqda tal-Armar Festa San Ġorġ, ġiet akkumpanjata b'marċi brijużi mill-Banda La Stella lejn is-sede tagħha fi Triq ir-Repubblika.
**» 26-27 ta' Novembru**
Il-Grupp 23four organizza l-attività *Christmas Loading* li kienet tinkludi bake sale u diversi attivitajiet fi Pjazza San Ġorġ.
**» 9 ta' Diċembru**
Saret ħarġa għall-abbatini tal-Parroċċa f'Malta.
**» 11 ta' Diċembru**
Tul il-ġurnata l-membri tal-Parroċċa ngħataw l-opportunità li jiltaqgħu mal-artisti Rumeni li qed jaħdmu fuq il-mużajk tal-Kappella tas-Sagrament u jaraw il-progress li sar.
**» 13 ta' Diċembru**
Saret ħarġa għal Malta għall-anzjani tal-Parroċċa.
**» 14 ta' Diċembru**
**08.00pm:** Saret laqgħa ta' talb mill-Grupp Oikos fil-Knisja parrokkjali tal-Għasri.
**» 15-23 ta' Diċembru**
**06.00pm:** In-Novena tal-Milied fil-Bażilika tmexxiet mill-Arċipriet u kellha bħala tema "Il-Kelma saret laħam", b'rabta mal-Pjan Pastorali Djoċesan. Din kienet tinkludi fi tmiemha l-kant tal-Alma u l-Barka Ewkaristika. Fl-istess ġranet, l-adolexxenti kellhom Novena għalihom immexxija mill-Arċipriet filgħodu kmieni fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.
**» 17 ta' Diċembru**
**08.00pm:** Itella' kunċert ta' carols tal-Milied mill-Kor Piccole Stelle fil-Bażilika.
**» 20 ta' Diċembru**
Saret quddiesa għall-anzjani residenti f'Villa San Lawrenz animata minn membri tal-Parroċċa.
**» 24 ta' Diċembru**
**11.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Uffiċċju tal-Qari u wara l-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied. Il-Prietka tradizzjonali tat-Tifel saret mill-abbati Luca Galea.



**» 25 ta' Diċembru**
**11.00am:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.
**» 31 ta' Diċembru**
**11.30am:** Minn fuq il-kampnar tal-Bażilika ndaqq it-trapassar peress li kienet għadha kemm tħabbret il-mewt tal-Papa Emeritu Benedittu XVI.
**05.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fil-Bażilika fl-għeluq tas-sena 2022.




Il-proposta oriġinali ta’ Gian Battista Conti għall-koppla ta’ San Ġorġ (1947). *Restawr diġitali: Paul Falzon*